**9 ta' Mejju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**D/KX 897015 Douglas James sive Jack Shedden et.**

**Offiża għall-Pudur Publiku — Konġunġiment Karnali — Art. 220 u 223 tal-Kodiċi Kriminali.**

***Att immorali konsistenti fl-introduzzjoni tal-verga maskili fil-ħalq ("coito per bocca") ma jammontax għar-reat ta' konġunġiment karnali kif kontemplat mill-liġi tagħna; imma jikkostitwixxi att li joffendi l-pudur u l-morali f'post publiku, jekk jiġi kommess f'post publiku jew espost għall-publiku.***

Il-Qorti:— Rat l-atti kompilati kontra Douglas James sive Jack Shedden u Robert sive Bobbie Papagiorcopulo, fuq l-imputazzjoni talli fit-22 ta' Diċembru 1958, f'xi s-2.00 p.m., waqt li kienu f'nru. 20 St. Sebastian Street, Valletta, offendew il-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok publiku jew f'lok espost għall-publiku; barra minn dan, għamlu konġunġiment karnali kontra n-natura;

Rat in-nota tal-Attorney General tat-3 ta' Marzu 1959, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ħalli l-istess tiddeċidi dwar il-ħtijiet ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub (1) fl-art. 220 tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice nru. 337 tal-1940, b'dan illi l-introduzzjoni tal-organu ġenitali ta' wieħed mill-akkużati f'ħalq l-ieħor sar f'lok publiku jew espost għall-publiku, u (2) fl-art. 223 tal-Kodiċi Kriminali; barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Marzu 1959, li biha sabet lil kull wieħed mill-imsemmija Douglas James sive Jack Shedden u Robert sive Bobbie Papagiorcopulo ħati (1) ta' konġunġiment karnali kontra natura, u (2) talli offenda l-pudur u l-morali b'egħmil li sar f'post espost għall-publiku; u kkundannat lil Douglas James sive Jack Shedden għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien erbgħa xhur, u lil Robert sive Bobbie Papagiorcopulo għall-istess piena tal-lavuri furzati għal żmien erbgħa xhur u ħmistax il-ġurnata;

Rat ir-rikors tal-imputat Shedden u dak tal-imputat Papagiorcopulo, li bihom appellaw mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talbu li tiġi revokata in kwantu li sabithom ħatjin tar-reat ta' konġunġiment karnali kontra n-natura, billi jiġu misjubin ħatjin biss ta' atti turpi f'post espost għall-publiku, li joffendu l-pudur jew il-morali;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dwar il-fatti ma hemmx kwistjoni. Il-pont devolut għas-soluzzjoni f'dan l-appell hu biss dwar jekk dak l-att immorali, li bit-taljan jissejjaħ "coito per bocca", għandux jitqies kompriż fl-art. 220 tal-Kodiċi Kriminali, ċjoè għandux jitqies konġunġiment karnali kontra natura għall-finijiet ta' dak l-artikolu;

Hu veru li fid-dottrina u l-ġurisprudenza taljana jipprevali l-konċett li l-att tal-introduzzjoni tal-verga maskili

"per bocca" jammonta għal konġunġiment karnali kontra natura. Però, għandu jiġi osservat li din l-estensjoni hi aktarx dovuta għall-fatt li l-art. 425 tal-Kodiċi antik Taljan tal-1859 kien juża, mhux il-kliem "congiungimento carnale contro natura", imma l-kliem aktar vasti "atti di libidine contro natura", u għalhekk ġew komprizi, kif jispjega Gabriele Pincherle — Manuale di Diritto Penale 1888, pag. 307-8 — anki l-attijiet li jissimilaw il-"coito", bħal ma huma "la fellazione, la irrumazione, la sodomia, cioè quegli atti che si comprendono sotto la espressione di "venere nefanda o mostruosa' ";

Mbgħad, "a quanto pare", dan il-konċett estiż, dovut, kif ingħad, għall-użu tal-kliem "atti di libidine contro natura" fil-Kodiċi tal-1859, ġie applikat għall-lokuzzjoni "violenza carnale" tal-Kodiċi l-ġdid, in kwantu din tista' tkun ukoll riferibbli għall-"libidine contro natura" (ara Maino, art. 332, para. 1462).

Inveċe, il-Kodiċi Malti juża l-kliem "konġunġiment karnali kontro natura", ċjoè mhux "atti di libidine contro natura", imma "konġunġiment karnali kontra n-natura";

Fid-Dritt Ingliż, taħt "Unnatural Offences", u aktar speċifikatament għar-rigward tar-reat ta' "Buggery", hi "communis opinio" li dan hu, jew konġunġiment "per anum" bejn esseri umani, jew il-konġunġiment bejn persuna umana u annimal ("bestiality"). Ara Archbold, 1959 edition, paragraph 2968; Russell, Crimes, 11th edition, page 821; Steph. Dig. Cr. L. 9th edition, p. 169;

Dan il-konċett, li jġib li l-art. 220 odjern (qabel numerat 201, u mbgħad 213) jikkomprendi ż-żewġ każijiet ta' sodomija u bestjalità, ġie adottat mill-Qrati Tagħna, kif jidher mill-kontest tas-sentenza "Reġina vs. Carmelo Sciberras", 16 ta' Mejju 1892;

Dan kien ukoll, "in linea di massima", il-konċett tradizzjonali għal dak li hu l-"cursus curiae" hawn Malta; illi, ċjoè, l-artiklu in kwistjoni jippostula jew il-konġunġiment "per anum" jew bejn bniedem u bestja;

Jista' anki jiżdied li r-regola dettata fl-art. 221, fis-sens li l-konġunġiment karnali jitqies li sar anki "fil-bidu" tal-konġuġiment, tadatta ruħha għall-konġunġiment sodomitiku, imma mhux tant għall-att "per bocca"; għax fil-kungress karnali "per anum" jista' jkun hemm grad wieħed jew ieħor ta' "penetration", imma fl-att "per bocca" din il-gradazzjoni ma tantx hi konċepibbli, għax jew hemm jew ma hemmx l-introduzzjoni ta' l-organu ġenitali;

Lanqas ta' min iqiegħed apparti l-prinċipju li, "in odiosis", ma hux permess li ssir interpretazzjoni li testendi l-lokuzzjoni tal-liġi u tbiegħedha mis-sens tagħha solitu tradizzjonali;

Għalhekk din il-Qorti, kif kostitwita, hi tal-opinjoni li l-att tal-introduzzjoni tal-organu ġenitali tal-appellant Shedden f'ħalq l-appellat l-ieħor ma jammontax għall-konġunġġiment karnali kontra natura kontemplat fl-art. 220 Kap. 12;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell taż-żewġ imputati, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li ssib liż-żewġ imputati ħatjin biss talli offendew il-pudur u l-morali b'egħmil f'lok espost għall-publiku taħt l-art. 223 Kap. 12; u wara li rat dak l-artikolu, tbiddel il-piena nflitta fis-sens li din għandha tkun, għaż-żewġ imputati, tal-priġunerija għal żmien ħamsin ġurnata u multa ta' £5, titħallas żmien għaxart ijiem mill-espjazzjoni tal-kundanna. U peress li l-imputat Shedden, a differenza tal-imputat l-ieħor, kien taħt arrest, iż-żmien tal-karċerazzjoni preventiva tiegħu għandu jinqata' mill-kundanna.